MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 470/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**MOHAMMED OUATTARA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MOHAMMED OUATTARA**, ta’ tlieta u tletin (33) sena, iben Bubaker u Maria nee’ Quattara, mwieled Ivory Coast fis-7 ta’ Awwissu 1980, u residenti fil-fond 8, Triq Santa Venera, Msida u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin numru 36865A gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl tat-8 ta’ Awwissu 2013 gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mall-hatra ta’ esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe’ permess ta’ residenza, statement, dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali, fedina penali u kunsens tal-Avukat Generali.

Rat li l-Prosekuzzjoni esebiet materjalment droga li nstabet fil-pussess tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li jifhem bil-lingwa Maltija u li m’ghandux mezzi finanzjarji u li huwa indigenti u l-Qorti ghalhekk innominat lil Dr Renzo Porsella Flores bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu llum disgha (9) ta’ Settembru 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha (9) ta’ Settembru 2013.

Invista ta’ tali ammissjoni, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza.

Rat illi l-ammont ta’ droga misjuba fuq l-imputat kienet wahda de minimis.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’**

**Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat MOHAMMED OUATTARA hati ta' l-akkuza u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizjoni li ma jwettaqx reat iehor ghal zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha peress li f'dawn l-atti ma saret l-ebda nomina simili.**

**Finalment, tordna d-distruzzjoni tad-droga esibita u ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli'.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------